MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 316/2001/1

**Emilio Bonnici**

**vs**

**Carmel u Miriam konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-16 ta' April, 2001, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm633.25) rapprezentanti danni kkagunati fil-mutur ta' l-attur bin-numru tar-registrazzjoni IBE 729 meta minhabba traskuragni da parti tal-konvenuti hallew il-kelb li jippartjeni lilhom jigri fit-triq bir-rizultat ta' liema gie kkawzat incident tat-traffiku fit-8 ta' Jannar, 2000, gewwa Triq Dun Filippo Borg, B'Kara li fih minhabba dan l-agir tal-konvenuti l-mutur ta' l-attur sofra danni kif ser jigi spjegat waqt il-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tat-28 ta' Marzu, 2000, u tat-18 ta' Gunju, 2000, u tal-ittra ufficjali tal-25 ta' April, 2000, u tal-mandat ta' sekwestru, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew personalment ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-attur sofra danni u hsarat fil-mutur tieghu imsemmija fl-avviz konsegwenza ta' dak li allegatament gara fi Triq Dun Filippo Borg, Birkirkara fit-8 ta' Jannar, 2000.
2. Illi fit-tieni lok, l-eccipjenti jichdu b'mod kategoriku l-allegazzjoni ta' l-attur li huma hallew lill-kelb taghhom *jigri fit-triq* u li kien dan li kkawza ncident tat-traffiku.
3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont reklamat mill-attur mhux biss huwa esagerat izda b'ebda mod ma jirrifletti l-"hsarat" li l-attur qed jallega li gew kagunati fil-mutur tieghu konsegwenza tal-incident in kwistjoni.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attur huwa proprjetarju tal-mutur bin-numru IBE 729, li ghal habta ta' nofs inhar tat-8 ta' Jannar, 2000, kien qieghed isuq fi Triq Dun Filippo Borg, Birkirkara. Hin minnhom hareg kelb minn taht jew bejn il-karozzi li fixkel lill-attur, li konsegwenza ta' dan waqa' l-mutur u gew kawzati danni. L-attur qed jallega li l-kelb huwa proprjeta' tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi rrizulta minghajr ebda dubbju illi l-kelb involut f'dan l-incident huwa proprjeta' tal-konvenuti. Dan ikkonfermah l-iSpettur Christopher Pullicino fix-

xhieda a fol. 15 u fl-okkorrenza a fol.17, u l-istess konvenuti, fejn huma ddeskrivew dak li gara fis-sens illi l-kelb kien marbut ma' kolonna quddiem id-dar taghhom, izda semghu rejzjar ta' mutur, il-konvenuta daret biex tigbor il-kelb halli ddahhlu gewwa, izda minnufih tarah gej jigri, bil-mutur maqlub ma' l-art.  Fl-ebda hin ma l-konvenuti nnegaw il-provenjenza tal-kelb.

Mil-lat legali, l-Qorti trid taghmel referenza ghall-Artikolu 1040 tal-Kodici Civili li jittratta r-responsabbilta tas-sid ta' l-annimal: "Is-sid ta' annimal jew il-persuna li taghmel uzu minn annimal ghaz-zmien li taghmel uzu minnu, iwiegbu ghall-hsara li dak l-annimal jikkaguna, sew jekk ikun jinsab taht idejhom kemm jekk ikun intielef jew harab."

F'kaz deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Rogerson vs Dowling (Vol. XIX P.1 p.145) l-Qorti qalet, "Che la disposizzione sopra citata mette a carico del proprietario la responsabilita' dell danno cagionato dell'animale talche egli non ne viene esonerato allegando la mancanza di colpa da parte sua ma vuolsi dimostrare il fortuito o la forza maggiore o fatto colposo di un terzo ovvero di chi a sofferto il danno come causa diretta di questo."

Minn dan it-taghlim jirrizulta illi l-unika mezz illi s-sid ghandu sabiex jezonera ruhu mir-responsabbilta huwa l-forza magguri jew infortuitu jew kaz ta' kontroborjeta ta' min ikun sofra d-danni.

Il-Qorti jidhrilha illi dawn it-tlitt cirkostanzi ma jinkwadrawx f'dan il-kaz.  Veru illi l-konvenuta qalet illi f'dak il-hin ta' l-incident hija kienet qed taghmel il-facendi quddiem il-bieb u kellha l-kelb marbut ma' kolonna.  Izda b'xi mod, dan inhall, hareg ghan-nofs it-triq, zbilancja lill-attur u sar l-incident.  F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tara l-ebda fortuitu jew forza magguri, lanqas xi fattur kontributorju da parti ta' l-attur.  Minkejja li l-konvenuta donna trid tghid li l-attur kien qed isuq b'xi velocita' eccessiva, dana bl-ebda mod ma rrizulta.

Apparti x-xhieda ta' l-attur, d-danni subiti huma kompatibbli ma' waqa' u tkaxkira zghira, izda mhux ma' xi

ncident gravi ghad illi d-danni huma gholjin. Dan pero' huwa rizultat tal-mod kif inhuwa mibni l-mutur u z-zebgha illi fih, illi bilfors iridu jigu ri-impjazzati b'dawk originali u mizbugha mill-fabrika. Wiehed ma jridx jinsa wkoll illi l-mutur hareg l-ewwel darba fit-28 ta' Ottubru, 1999, proprju ftit xhur qabel l-incident. F'liema kaz allura, l-attur kellu dritt jigi risarciz b'*parts* originali u mhux xi *imitation* jew ta' kwalita' nferjuri.

Il-Qorti tifhem illi minkejja l-hsarat kienu zghar, id-danni huma konsiderevoli kif xehed tajjeb is-surveyor Anthony Vassallo u Anthony Grech illi effettwa t-tiswijiet.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi ghal dak illi jirrigwarda l-*quantum*, dan ghandu jigi akkolt fl-intier tieghu. Ghal dak illi jirrigwarda r-responsabbilta, skond dak fuq ikkwotat, l-attur m'ghandux ghalfejn jipprova l-htija tal-proprjetarju, gia ladarba din hija hekk mil-ligi presunta. B'dana kollu jrid necessarjament jipprova li kien l-annimal tal-konvenut illi kkaguna d-danni. Dawn il-kriterji gew osservati f'din il-kawza u ghalhekk, l-attur jimmerita konferma fl-istanza tieghu. (Ara wkoll <u>Middlesea Insurance plc Et vs Victor Sammut</u> Appell Inferjuri 1590/2000)

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm633.25) rapprezentanti danni kkagunati fil-mutur ta' l-attur bin-numru tar-registrazzjoni IBE 729 meta minhabba kelb proprjeta' taghhom gie kkawzat incident tat-traffiku fit-8 ta' Jannar, 2000, gewwa Triq Dun Filippo Borg, B'Kara li minhabba fih l-attur sofra danni fuq imsemmija.

Bl-isejjez u bl-imgahxijiet legali mid-data ta' din is-sentanza kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------